IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 03**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 4 ta' Settembru 2014 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B02**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B02 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B02

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B02** Punti li joħorġu mill-Minuti B02

2.01 3.01 Is-Sur Paul Galea ippropona li t-*tender* li ser joħroġ għandu jinkludi wkoll il-manutenzjoni u mhux il-qtugħ biss tal-ħaxix ħażin. Dan jiġifieri l-kuntrattur m'għandux iħalli l-ħaxix jikber u jiggoffa qabel ma jaqtgħu. Għaldaqstant ġie deċiż illi t-*tender* tal-qtugħ ta' ħaxix joħroġ bħala 'Qtugħ u manutenzjoni ta' ħaxix u tindif fiż-żona tal-Baħrija', liema dokument għandu jinkludi fih il-lista tat-toroq. Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-qtugħ ta' ħaxix

Iċ-Ċerpersin issuġġerixxa wkoll illi fid-dokument jitniżżel li jekk ikun hemm xi skart żgħir qalb il-ħaxix, dan għandu jinġabar ukoll. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament.

2.02 3.02 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li dawn il-bozoz kienu għadhom ma twaħħlux peress illi l-kuntrattur ma kellux bozoz. Huwa ġie infurmat mill-kuntrattur li dawn għandhom jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin. Installazzjoni ta' erba' bozoz ġodda



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.03 3.03 Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li dan il-wajer kien għadu ma ġiex irranġat. Għaldaqstant ġie deċiż li nerġgħu nibatgħtu *reminder*.

Wajer tad-dawl perikoluż fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima

2.04 5.03 Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li l-istima li ġabar hu kienet għolja wisq. Għaldaqstant ġie deċiż illi din l-istima tinġabar mill-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Ilment dwar hmieġ fil-pjazza tal-Baħrija

2.05 5.04 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li hemm erba' karozzi abbandunati f'art privata fi Triq Dun Nerik Bonnici. Huwa ppropona li nirrapurtaw lill-Mepa. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin Paul Grech. Il-kumitat qabel unanimament.

Rimi ta' skart fi Triq in-Namura

**3.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13**

3.01 Iċ-Ċerpersin ippropona li l-kwotazzjoni RLC/Q/0080/13 għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika fil-Baħrija tiġi mġedda għal sena oħra. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament.

Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika fil-Baħrija – RLC/Q/0080/13

**4.00 Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-knis manwali tat-toroq fil-Baħrija – Żone 5 – RLC/Q/0081/13**

4.01 Iċ-Ċerpersin ippropona li l-kwotazzjoni RLC/Q/0081/13 għall-knis manwali tat-toroq fil-Baħrija – Żone 5 tiġi mġedda għal sena oħra.

Is-Sur Anġlu Portelli ġibed l-attenzjoni li l-kuntrattur mhux qed jiknes it-toroq kollha.

Għaldaqstant ġie deċiż li l-*contracts manager* jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur u jekk jibqa' ma jtejjibx s-servizz jinħarġulu d-*default notices*.

Is-Sur Paul Galea issekonda l-proposta li l-kwotazzjoni tiġġeded għal sena oħra, bi twissija biex itejjeb is-servizz. Il-Kumitat qabel unanimament.

Tiġdid ta' kwotazzjoni għall-knis manwali tat-toroq fil-Baħrija – Żone 5 – RLC/Q/0081/13

**5.00 Kommunikazzjoni mill-Membri**

5.01 Is-Sur Paul Galea ppropona li jinqata' l-ħaxix ħażin wara l-*station* ta' Wied Rini. Issekonda din il-proposta s-Sur Anġlu Portelli. Il-Kumitat qabel unanimament.

Qtugħ ta' ħaxix wara l-*station* ta' Wied Rini

5.02 Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa * **"li hu kien infurmat"** li l-kuntrattur illi qata' l-ħaxix fl-Għemieri, flok ġabar il-ħaxix ħażin, tah in-nar fuq il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan it-tip ta' servizz mhuwiex aċċettabbli u talbet il-koperazzjoni tal-membri sabiex jekk jafu b'każijiet bħal dawn jgħaddulha l-informazzjoni sabiex jekk l-kuntrattur ikun tqabbad mill-Kunsill, dan jinżammlu l-pagament.

Qtugħ ta' ħaxix fl-Għemieri

*** Din hija emenda li giet miżjuda waqt seduta G 04**

5.03 Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li hemm bżonn illi titwaħħal *shade* ma' bozza li tinsab mad-dar 'Beyond Paradise', fi Triq il-Lewż, Baħrija. Il-Kumitat qabel.

Installazzjoni ta' *shade* ma' bozza mad-dar Beyond Paradise, Triq il-

Lewż

5.04 Is-Sna Marthese Galea pproponiet li jiġu installati *cats eyes* fit-triq prinċipali tal-Baħrija peress illi mhijiex imdawla biżżejjed.

*Cats Eyes* fit-triq prinċipali tal-Baħrija

Iċ-Ċerpersin talab illi tinġabar stima qabel ma naslu għal din id-deċiżjoni.

Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li din it-triq ser titħaffer sabiex jiġi mgħoddi d-drenaġġ u għaldaqstant, dawn għandhom jiġu installati wara li jsir dan ix-xogħol.

5.05 Is-Sur Anġlu Portelli talab illi ssir laqgħa mal-Onor. Ian Borg sabiex jiġi spjegat lill-Kumitat fiex jikkonsisti l-proġett tad-drenaġġ fil-Baħrija.

Laqgħa mal-Onor. Ian Borg dwar il-proġett tad-drenaġġ

5.06 Is-Sur Anġlu Portelli ġibed l-attenzjoni li l-iskart li jinsab mormi f'Ras ir-Raheb għadu ma tnaddafx. Iċ-Ċerpersin għandu jerġa' jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

Skart mormi f'Ras ir-Raheb

5.07 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li jsir patching ta' żewġ Ħofriet fit-triq ta' Fomm ir-Riħ. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Grech. Il-Kumitat qabel unanimament.

Patching f'Fomm ir-Riħ

5.08 Iċ-Ċerpersin ippropona li jinqata' l-ħaxix ħażin fl-Imtaħleb, 'l isfel mill-kappella. Issekondat din il-proposta s-Sna Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament.

Qtugħ ta' ħaxix fl-Imtaħleb

5.09 Is-Sur Paul Galea ppropona li jinqata' l-ħaxix ħażin fil-Kunċizzjoni, 'l isfel mill-kappella. Issekondat din il-proposta s-Sna Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament.

Qtugħ ta' ħaxix fil-Kunċizzjoni

## 6.00 Materji Oħra

6.01 Iċ-Ċerpersin talab li ssir laqgħa mal-Maġġur tal-Pulizija sabiex tiġi diskussa l-festa ta' San Martin. Għal din il-laqgħa għandu jkun mistieden biex jattendi l-Kumitat Amministrattiv, kif ukoll il-qassis inkarigat mill-Knisja tal-Baħrija, Dun Dione Cutajar. Din il-laqgħa għandha ssir qabel ma jinħarġu l-permessi għall-gabbani tal-festa. Il-Kumitat qabel unanimamnet.

Laqgħa mal-pulizija dwar il-Festa ta' San Martin

6.01.1 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li s-sena l-oħra l-Maġġur tal-Pulizija kien talbu biex isiru l-marki fl-art għall-gabbani tal-festa.

Wara diskussjoni li saret dwar il-gabbani tal-festa, ġie deċiż illi fi Triq is-Sajf ta' San Martin, minn Triq Dun Saverin Bianco sa Misraħ Patri Martin Caruana, ma jarma ħadd jekk ma jkunux residenti f'din it-triq.

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat 'l-membri preżenti li waqt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv preċedenti, kienet tellgħat għad-diskussjoni l-*Impact Assessment Report* dwar il-*Wind Farm* f'Wied Rini u l-Kumitat Amministrattiv ma ġiex lura bil-kummenti tiegħu dwar kif għandu jipproċedi dwar din il-materja.

*Wind Farm* f'Wied Rini

Wara diskussjoni li saret, il-Kumitat iddeċieda li joġġezzjona għall-implimentazzjoni ta' dan il-*Wind Farm*.

6.03 Iċ-Ċerpersin qara ittra anonima dwar il-bżonn li ssir manutenzjoni ta' Triq is-Sirena u l-Imtaħleb (taħt il-kappella).

Talba biex issir manutenzjoni ta' Triq is-Sirena u l-Imtaħleb (taħt il-

Is-Sur George Attard ippropona li ssir stima mill-perit tal-Kunsill dwar Triq is-Sirena u terġa titla' għad-diskussjoni f'laqgħa oħra. Issekonda Paul Galea. Il-Kumitat qabel unanimament. kappella).

Il-Kumitat qabel li minħabba problemi finanzjarji, it-talba biex issir it-triq ta' taħt il-kappella tal-Imtaħleb ma tiġix ikkunsidrata, anke minħabba l-fatt li din it-triq ma hijiex iffrekwentata.

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 9 ta' Ottubru 2014 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum Il-Ħamis ... 9 ... ta' Ottubru ... 2014

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**